REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 771/2012

tat-23 ta' Awwissu 2012

li jagħmel l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika suġġetti għal reġistrazzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 24(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 16(4), 24(3) u 24(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ("notifika ta' bidu"), il-bidu ta' proċediment kontra s-sussidji ("il-proċediment AS" jew "il-proċediment") fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ("l-Istati Uniti" jew "il-pajjiż ikkonċernat") wara lment ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2011 mill-Assoċjazzjoni tal-Unjoni tal-Produtturi Ewropej tal-Unjoni tal-Etanol Rinnovabbli (ePURE) ("il-kwerelant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-bijoetanol.

A. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(2) Il-prodott ikkonċernat minn din ir-reġistrazzjoni huwa l-istess bħal dak definit fin-notifika ta' bidu, jiġifieri l-bijoetanol, xi drabi msejjaħ "etanol tal-fjuwil", jiġifieri l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) żnaturat jew mhux żnaturat, għajr prodotti b'kontenut ta' ilma ta' aktar minn 0,3 % (m/m) imkejla skont l-istandard EN 15376, kif ukoll l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) li jinsabu f'taħlitiet mal-petrol b'kontenut ta' alkoħol etiliku ta' aktar minn 10 % (v/v) li joriġinaw fl-Istati Uniti, u li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 2207 10 00, ex 2207 20 00, ex 2208 90 99, ex 2710 12 11, ex 2710 12 15, ex 2710 12 21, ex 2710 12 25, ex 2710 12 31, ex 2710 12 41, ex 2710 12 45, ex 2710 12 49, ex 2710 12 51, ex 2710 12 59, ex 2710 12 70, ex 2710 12 90, ex 3814 00 10, ex 3814 00 90, ex 3820 00 00 u ex 3824 90 97.

B. TALBA

(3) Wara l-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu, f'Novembru 2011 il-kwerelant talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru suġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku hekk li l-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati, sussegwentement, fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni. Il-kwerelant tenna diversi drabi t-talba tiegħu għal reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, bl-iktar waħda riċenti fit-3 ta' Awwissu 2012, u pprovda aktar raġunijiet għaliex għandha ssir tali reġistrazzjoni fl-investigazzjoni attwali.

C. RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(4) Skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, titlob lill-awtoritajiet tad-dwana jieħdu l-passi meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, hekk li l-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati, sussegwentement, fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru suġġetti għal reġistrazzjoni b'talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din.

(5) Il-kwerelant stqarr li l-prodott ikkonċernat kien sussidjat u li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni, li huwa diffiċli li jissewwa, kien ikkawżat miż-żieda fl-importazzjonijiet li jibbenefikaw minn sussidji kumpensatorji f'medda ta' żmien relattivament qasira.

(6) Il-kwerelant ipprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat żdiedu b'mod sinifikanti f'termini assoluti u f'termini ta' sehem mis-suq. Il-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat ikkonċernat kellhom impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa, fuq il-livell tal-prezzijiet iċċarġjati fis-suq tal-Unjoni u fuq is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni, li rriżultaw f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni globali u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

[1] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
[2] ĠU C 345, 25.11.2011, p. 13.

(7) Dawn ir-reżultanzi ġew ikkonfermati mill-Kummissjoni fil-konklużjoni *interim* tagħha fil-proċediment AS f'Awwissu 2012, kif żvelat lill-partijiet interessati. Għaldaqstant, it-talba fiha biżżejjed evidenza biex ir-reġistrazzjoni tkun iġġustifikata.

D. **PROĊEDURA**

(8) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba tal-kwerelant kien fiha biżżejjed evidenza biex l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru suġġetti għal reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku.

(9) Il-partijiet kollha interessati huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jipprovdu evidenza li ssostni l-fehmiet tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn għandhom jinstemgħu.

E. **REĠISTRAZZJONI**

(10) Minkejja reżultanzi pożittivi ta' sussidji ta' kontrobilanċ u ta' ħsara materjali kkawżata minnu lill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-PI"), jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tadottax dazji proviżorji kompensatorji skont l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku għax instab proviżorjament li l-iskema ewlenija ta' sussidju fis-seħħ matul il-PI kienet waqfet, fis-sens li ma kinitx se tibqa' tkun ta' benefiċċju fiż-żmien meta kienu se jiġu imposti l-miżuri proviżorji. Madankollu, hemm evidenza li fix-xhur li ġejjin l-Istati Uniti jistgħu jerġgħu jintroduċu l-iskema ewlenija ta' sussidju misjuba bħala kompensatorji b'effetti retroattiv. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tikkunsidra li kienet tkun intitolata tadotta (u eventwalment tiġbor) dazji proviżorji kompensatorji fl-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, biex tippreserva d-drittijiet tal-Unjoni Ewropea f'dawn iċ-ċirkustanzi speċjali, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproċedi kif indikat hawn taħt.

(11) Skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni sabiex, eventwalment, il-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod retroattiv kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni. Kemm-il darba l-Istati Uniti jintroduċu l-iskema ewlenija ta' sussidju b'effett retroattiv, il-Kummissjoni bihsiebha tipproponi lill-Kunsill biex jingabru dazji definittivi fuq l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni. Jekk, fl-istadju definittiv, il-Kummissjoni tkun konvinta li l-Istati Uniti mhux se jaġixxu bil-manjiera kif imsemmi qabel, il-Kummissjoni bihsiebha tipproponi lill-Kunsill li dawk l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni ma għandhomx ikunu suġġetti għal xi obbligazzjoni addizzjonali li tirriżulta minn din l-investigazzjoni tal-AS.

(12) Kull obbligazzjoni għall-ġejjieni tiġi mis-sejbiet definittivi tal-investigazzjoni antisussidji. L-ammont stmat ta' obbligazzjoni possibbli fil-ġejjieni huwa stabbilit fil-livell ta' sussidjar misjub sa issa, jiġifieri EUR 108 għal kull tunnellata ta' bijoetanol pur [1].

(13) Sabiex ir-reġistrazzjoni tkun effettiva biżżejjed fid-dawl tal-impostazzjoni retroattiva eventwali tad-dazju antisussidji, fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana id-dikjarant għandu jindika l-proporzjon f'taħlitiet, f'piż, tal-kontenut totali ta' alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kontenut ta' bijoetanol).

F. **L-IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(14) Kull dejta personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni antisussidji se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [2].

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet tad-dwana huma b'dan mitluba, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-bijoetanol, xi drabi msejjaħ "etanol tal-fjuwil", jiġifieri l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) żnaturat jew mhux żnaturat), għajr prodotti b'kontenut ta' ilma ta' aktar minn 0,3 % (m/m) imkejla skont l-istandard EN 15376, kif ukoll l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) li jinsabu f'taħlit ma' petrol b'kontenut ta' alkoħol etiliku ta' aktar minn 10 % (v/v) li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 2207 10 00, ex 2207 20 00, ex 2208 90 99, ex 2710 12 11, ex 2710 12 15, ex 2710 12 21, ex 2710 12 25, ex 2710 12 31, ex 2710 12 41, ex 2710 12 45, ex 2710 12 49, ex 2710 12 51, ex 2710 12 59, ex 2710 12 70, ex 2710 12 90, ex 3814 00 10, ex 3814 00 90, ex 3820 00 00 u ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 2207 10 00 11, 2207 20 00 11, 2208 90 99 11, 2710 12 11 10, 2710 12 15 10, 2270 12 21 10, 2710 12 25 10, 2710 12 31 10, 2710 12 41 10, 2710 12 45 10, 2710 12 49 10, 2710 12 51 10, 2710 12 59 10, 2710 12 70 10, 2710 12 90 10, 3814 00 90 70, 3820 00 00 10 u 3824 90 97 67) u li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika. Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[1] Imsejħa wkoll E100.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Id-dikjarant għandu jindika fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana l-proporzjon fit-taħlita, f'piż, tal-kontenut totali ta' alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli (kif elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) (kontenut ta' bijoetanol).

2. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 20 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO